MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2009

Numru. 254/2009

**Il-Pulizija**
**[Spettur Nikolai Sant]**

**Vs**

**Carmen Bezzina**

**Kumpilazzjoni Numru: 254/2009**

Illum, 11 ta' Mejju, 2009

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Carmen Bezzina ta' 46 sena, imwielda l-Marsa fit-30 ta' Jannar, 1963, bint George Psaila u Giorgina nee` Caruana u residenti Flat No. 2, Triq il-Lacci, San Pawl il-Bahar, detentrici tal-karta ta' l-identita` bin-numru 0136663M.

Akkuzata talli nhar l-14 ta' Jannar, 2009 ghall-habta ta' 1530hrs, gewwa Curls Hair Studio li jinsab Wied Hal Balzan, Balzan, volontarjament ikkagunat feriti ta' natura gravi, fuq il-persuna ta' Mark Paris mill-Mosta, u dan skond kif iccertifikat Dr. F. Azzopardi tac-Centru tas-Sahha tal-Mosta.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, involontarjament ikkagunat hsara fuq in-nuccali ta' Mark Paris mill-Mosta.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, heddiet bi kliem lil Mark Paris mill-Mosta.

U aktar talli heddiet bil-kliem lil Mark Paris mill-Mosta.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, gewwa Hal Balzan hebbet ghal Mark Paris mill-Mosta sabiex tingurjah, iddejjqu jew taghmillu hsara.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, gewwa Hal Balzan volontarjament kisret il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b' ghajjat u glied.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputata ma kellhiex ogezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat l-artikoli 216(1)(b), 325(1)(b), 338(dd) u 339(1)(d)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputata ammettiet l-imputatzzajonijiet migjuba kontra taghha u konfermat din l-ammissjoni anke wara l-Qorti taghtha zmien tikkonsidra l-pozizzjoni taghha.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghat it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati, u min-naha l-ohra l-koperazzjoni ta'l-imputata mal-pulizija, l-ammissjoni taghha f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri kif ukoll l-fedina penali taghha.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 216(1)(b), 325(1)(b), 338(dd) u 339(1)(d)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kap 446 tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sena u li thallas lill-parte civile Mark Paris is-somma ta' mija hamsa u ghoxrin Euro u tmienja u ghoxrin centezmu (Euro 125.28) fi zmien xahar. In oltre b'applikazzjoni ta' l-artikolu 383 tal-Kap 9 u biex tipprovdi ghas-sigurta ta' Mark Paris qed torbot lill-imputata b'obbligazzjoni taghha nnifisha ghal perjodu ta' sena li ma ddejjaqx u ma timmolestax lill-imsemmi Mark Paris taht penali ta' hames mitt Euro (Euro500).

Il-Qorti spejgat lill-imputata fi kliem ordinarju r-responsabbilta taghha u x'jigri jekk tikkommetti reat iehor, jew ma toqghodx ghall-ordnijiet lilha mghotija, fi zmien sena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------